MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2008

Numru. 508/2004

Il-Pulizija
(Sp Angelo Caruana)
vs
Josef Farrugia, iben Anthony, imwieled Pieta' fid-19 ta' marzu, 1980
U
Mary Farrugia, bint Paul Cilia, imwielda iż-Żejtun fil-31 ta' diċembru, 1956

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati –
1. talli f'Birkirkara, fit-2 ta' mejju, 2002, għal habta tas-2.00 a.m. ikkomettew serq ta' flus u affarijiet oħra mill-fond Smart Supermarket, Triq in-Naxxar, liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000) u bil-ħin, li sar għad-dannu tas-sidien ta' l-istess supermarket;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi volontarjament ħaasru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' ħsarat fl-armatura ta' l-istess supermarket, liema ħsara separatament tammonta għal aktar minn ħamsin lira maltin (Lm50) iżda ma teċċediex il-ħames mitt lira maltin (Lm500);
lil **Josef Farrugia**, waħdu –
3. talli f'Ħaż-Żebbuġ, matul il-lejl ta' bejn il-31 ta' mejju, 2002 u l-1 ta' ġunju, 2002 ikkometta serq ta' mobile phones mill-fond 'Telly Mike', Triq Sciortino, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000) u bil-ħin li sar għad-dannu ta' Michael Agius;
4. talli kiser il-provvediment tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta' Malta, illum l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fl-4 ta' ottubru, 2000 li biha kien ġie misjub ħati ta' reat u liberat bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn;
5. talli sar reċidiv b'diversi sentenżi liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mħassra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-15 ta' jannar, 2007 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
Fil-konfront ta' **Josef Farrugia** –
a. fl-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 370, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 325(1) tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikoli 28A sa 28H tal-Kodiċi Kriminali;
e. fl-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;
f. fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
Fil-konfront ta' **Mary Farrugia** –
a. fl-artikoli 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 370, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 325(1) tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali;
d. fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-6 ta’ ġunju, 2008 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ ġunju, 2008 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat **Josef Farrugia** ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 370, 278, 279(b), 280, 281 u 325(1) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta u tikkundannah għal piena ta’ sentejn priġunerija.  Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputat li jħallas is-somma ta’ elf u tnejn u tletin euro (€1,032) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta’ periti.
Issib lill-imputata **Mary Farrugia** ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha.  Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(ċ)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 370, 278, 279(b), 280, 281 u 325(1) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lill-imputata għal piena ta’ sentejn priġunerija.  Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputata tikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien erba’ snin mil-lum.  Rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputata li tħallas is-somma ta’ tlett mija u erba’ u erbgħin euro (€344) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta’ periti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------